



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.7.2016
COM(2016) 484 final

2012/0340 (COD)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi u l-applikazzjonijiet mobbli tal-entitajiet tas-settur pubbliku

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW

skont l-Artikolu 294(6) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

dwar

il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-adozzjoni ta' Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi u l-applikazzjonijiet mobbli tal-entitajiet tas-settur pubbliku

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

1. SFOND

Data tat-trażmissjoni tal-proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (dokument COM(2012)721 final 2012/0340 (COD):	03.12.2012
Data tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew	22.05.2013
Data tal-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-ewwel qari:	26.02.2014
Data tal-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill:	18.07.2016

2. OBJETTIV TAL-PROPOSTA TAL-KUMMISSJONI

L-objettiv tal-proposta tal-Kummissjoni huwa li tindirizza l-frammentazzjoni tas-suq uniku tal-UE għal prodotti u servizzi relatati mal-aċċessibbiltà għall-web billi tqarreb l-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi tal-entitajiet tas-settur pubbliku.

Il-proposta stipulat li xi siti elettroniċi tal-entitajiet tas-settur pubbliku għandhom isiru aċċessibbli madwar l-UE billi jissodisfaw l-istess normi u standards tekniċi (Linji Gwida għall-Aċċessibilità għall-Kontenut tal-Web WCAG 2.0 Livell AA tal-konsorzju W3C – WCAG 2.0).

Il-proposta kopriet biss 12-il tip ta' siti elettroniċi tas-settur pubbliku, u tat lill-Istati Membri l-liberta li jestendu din il-lista.

3. KUMMENTI DWAR IL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL

B'mod ġenerali, il-Kunsill aċċetta l-bżonn ta' leġiżlazzjoni f'dan il-qasam u approva l-objettivi ewlenin tal-proposta tal-Kummissjoni, jiġifieri biex titjeb l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi tas-settur pubbliku. Madankollu, il-Kunsill għamel xi bidliet dwar kif għandhom jintlaħqu dawn l-objettivi.

B'mod partikolari, l-ambitu tal-proposta ġie estiż biex ikopri siti elettroniċi u applikazzjonijiet mobbli tal-entitajiet kollha tas-settur pubbliku, b'xi eċċezzjonijiet limitati dwar it-tipi ta' entità u kontenut koperti. Ġie inkluż ukoll sett ta' dispożizzjonijiet li jippermetti lill-entitajiet tas-settur pubbliku biex japplikaw ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà safejn dawn ma jimponux piż

sproporzjonat (b'kont meħud ta' fatturi bħalma huma d-daqs u r-riżorsi tal-entità tas-settur pubbliku).

Id-definizzjoni ta' "entità tas-settur pubbliku" tiċċara li l-estensjoni għal assoċjazzjonijiet iffurmati minn waħda jew aktar awtoritajiet jew korpi rregolati mid-dritt pubbliku, tkopri l-assoċjazzjonijiet stabbiliti għall-għan speċifiku li jintlaħqu l-bżonnijiet tal-interess ġenerali u li ma għandhomx karattru industrijali jew kummerċjali.

L-Istati Membri jistgħu jżommu jew jintroduċu miżuri (f'konformità mad-dritt tal-Unjoni) li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti minimi stipulati fid-Direttiva.

Id-dispożizzjonijiet dwar l-istandards ġew adattati biex titqies l-adozzjoni tal-istandard Ewropew fl-2014 dwar "Rekwiżiti ta' aċċessibiltà adatti għall-akkwist pubbliku tal-prodotti u s-servizzi tal-ICT fl-Ewropa" (EN 301 549), li jirriżulta mill-Mandat 376, u biex jitqies ukoll il-fatt li hemm għaddej xogħol ta' standardizzazzjoni dwar applikazzjonijiet mobbli. Se jkun meħtieġ li l-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni fi żmien 24 xahar mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva li jipprovdu speċifikazzjonijiet tekniċi għal applikazzjonijiet mobbli f'każijiet fejn ma tkun ġiet ippubblikata l-ebda referenza għal standard armonizzat li jkoprihom. Ġie inkluż obbligu speċifiku biex ikun hemm konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Istandard Ewropew EN 301 549 V1.1.2 (2015–04) għal siti elettroniċi u applikazzjonijiet mobbli, u l-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat biex tagħmel referenza għal verżjoni aktar riċenti ta' dak l-istandard, jew għal standard Ewropew li jissostitwixxih, anki f'każ li ma tkun ġiet ippubblikata l-ebda referenza għal standards armonizzati li jkopruh.

Kif inhu bħalissa, it-test jistabbilixxi rekwiżiti dwar it-trasparenza (l-entitajiet tas-settur pubbliku se jkunu meħtieġa jippubblikaw informazzjoni dwar l-aċċessibiltà tas-siti elettroniċi u l-applikazzjonijiet mobbli) u biex l-utenti jkunu jistgħu jitolbu ċertu kontenut li b'xi mod ieħor ikun eżentat mir-rekwiżiti tal-aċċessibiltà. Il-proposta emendata tistabbilixxi wkoll rekwiżiti għal proċedura effettiva ta' infurzar, li tinkludi l-possibiltà li jiġi kkuntattjat l-Ombudsman u l-monitoraġġ u r-rappurtar mill-Istati Membri. Dawn għandhom isaħħu l-implimentazzjoni effettiva tar-rekwiżiti ta' aċċessibiltà.

Il-Kummissjoni hija wkoll mitluba tistabbilixxi permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-mudell tad-dikjarazzjoni dwar l-aċċessibiltà li l-entitajiet tas-settur pubbliku se jkunu meħtieġa jippubblikaw, l-arranġamenti ta' rappurtar għall-Istati Membri u l-metodoloġija tal-monitoraġġ li l-Istati Membri se jkun jeħtiġilhom idaħħlu fis-seħħ.

Ladarba tiġi adottata, l-Istati Membri għandhom jittrasponu d-Direttiva fil-liġi nazzjonali fi żmien 21 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ tagħha. Huma mbagħad għandhom 12-il xahar biex japplikaw id-dispożizzjonijiet għas-siti elettroniċi l-ġodda tal-entitajiet tas-settur pubbliku, 24 xahar għas-siti elettroniċi eżistenti u 33 xahar għall-applikazzjonijiet mobbli tal-entitajiet tas-settur pubbliku.

Il-Kummissjoni tappoġġa dan l-eżitu.

Wara diskussjonijiet tripartiti informali fis-26 ta' Jannar, fit-2 ta' Frar u fit-3 ta' Mejju 2016, il-Parlament u l-Kunsill laħqu qbil politiku proviżorju dwar it-test.

Dan il-ftehim politiku ġie kkonfermat mill-Kunsill fis-16 ta' Ġunju u fit-18 ta' Lulju 2016 il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari.

4. KONKLUŻJONI

Il-Kummissjoni tappoġġa r-riżultati tan-negozjati interistituzzjonali u għalhekk tista' taċċetta l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari.